# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# Nru 118/2008

# tas-7 ta’ Novembru 2008

# li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 104/2008 tas-26 ta’ Settembru 2008 [1].

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà ta’ l-avjazzjoni ċivili [2] ġie inkorporat fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 61/2004 tas-26 ta’ April 2004 [3] b’adattamenti speċifiċi għal kull pajjiż.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 358/2008 tat-22 ta’ April 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 622/2003 li jistabbilixxi miżuri għall-implimentazzjoni ta’ standards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni [4] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 66i (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2003) tal-Anness XIII għall-Ftehim:

“— **32008 R 0358**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 358/2008 tat-22 ta’ April 2008 (ĠU L 111, 23.4.2008, p. 5).”

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 358/2008 fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta’ Novembru 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 7 ta’ Novembru 2008.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

L-A.S.T. Prinz Nikolaus von LIECHTENSTEIN

(1) ĠU L 309, 20.11.2008, p. 30.
(2) ĠU L 277, 26.8.2004, p. 175.
(3) ĠU L 355, 30.12.2002, p. 1.
(4) ĠU L 111, 23.4.2008, p. 5.
(*) M’huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.